**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Vella]**

**vs**

**George Spiteri**

**Kumpilazzjoni Numru: 164/17**

**Illum, 13 ta' Novembru, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra George Spiteri detentur tal-karta tal-identita` numru 39967M:

1. Gie akkuzat talli: nhar it-02 ta' Marzu, 2017 ghall-habta tal-10:15 ta' filghodu, minn gewwa l-istabbiliment maghruf bhala 'LIDL Malta Limited' li jinsab sitwat gewwa gewwa l-lokalita' ta' Santa Venera, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, ghad-dannu tas-sid jew sidien tal-imsemmi stabbiliment, u liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li kumplessivament jeccedi l-mitjen u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€233.94) izda ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37); **u dan bi ksur tal-Artikoli, 261(c) u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-Kunsens tal-Avukat Generali mmarkat Dok. RV3 u datat 5 ta' April, 2017 sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Artikoli 261(c) u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante l-amissjoni tal-imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, stante li r-res furtiva giet rikoverata kollha lura u wara li semghet il-partijiet a rigward is-sitwazzjoni socjali u mentali tal-imputat. qieghda ssib lill-imputat George Spiteri hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Finalment il-Qorti, spjegat fi kliem semplici lill-imputat George Spiteri, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**